VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,953, 10 ta' Awwissu, 2012
Taqsima B

A.L. 265 tal-2012

ORDINANZA DWAR IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-KONDOTTA (KAP. 77)
Regolamenti tal-2012 li jemendaw l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 li jemendaw l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ordinanza".

Kap.77.

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mal-Ordinanza.

2. Ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Ordinanza għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"**IR-RABA' SKEDA**
[Artikolu 3(2)]

Elenku tal-awtoritajiet kompetenti li għandhom id-dritt li jitolbu reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija

L-Awtorità għat-Trasport f'Malta

L-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob, fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal liċenza u s-sorveljanza ta' detenturi ta' liċenza, skont l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, fir-rigward ta' kull persuna li tkun impjegata mas-servizz pubbliku jew li tkun kandidata għal impieg mas-servizz pubbliku.

Is-Servizz ta' Sigurtà".